KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 25

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 21 ta' April, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

25.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm waħda mingħand il-Kunsillier Carl Betts, li din ġiet approvatha mill-Kunsill kollu unanimament. Ittra annessa mal-Minuti.

### 25.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 24

25.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erbgħa u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

25.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia, l-minuti tal-erbgħa u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

### 25.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-ewwel Laqgħa tal-Lokalita Nru 1 għas-sena 2026

25.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita għas-sena 2026. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

25.3.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Diane Abela Penza li kienet issekondatha mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia, l-minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita ġew approvati unanimament.

### 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-Inizjattivita 'Minn Pjazza għal Pjazza'. Huwa bi pjaċir informa lil Kunsilliera kollha li l-kunsill ta' Ħal Lija kien wieħed fost dawk il-magħżulha li ser jikkwalifika minn din l-Inizjattiva. Huwa kompa billi qara l-ittra ta' aċċettazzjoni li l-Kunsill Lokali irċieva bi imejl. Qal ukoll kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-preżentazzjoni li saret dwar it-tħabbir ta' din l-inizjattiva ġewwa Bormla.

25.4.1.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif bħala kontenut ta' din l-attivita l-Kunsill irid jieħu ħsieb jara x'ser jagħmel u għalhekk il-Kunsill kollu jrid issa jerġa jiltaqgħa apposta biex jiddiskutu x'ser ikun qed isir. Il-Kunsill xorta ser jkollu anke direzzjoni dwar kif għandu jimxi, mid-Direttur Artistiku u t-tijm tiegħu ta' Minn Pjazza għal Pjazza. Il-pjattaformi tas-social media ser jieħdu ħsiebhom it-tijm ta' Minn Pjazza għal Pjazza.

25.4.1.3 Id-Data li ġiet magħżulha biex titella din l-inizjattiva u l-Kunsill irid jagħti konferma tagħha, hija dik tal-10 ta' Lulju, 2026.

### 25.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

25.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Is-Sa Lorraine Farrugia Muscia kellha domanda żgħira li s-Sindku ma sabx oġġezzjoni jwieġeb.

25.5.2 Is-Sa Lorraine Farrugia Muscia, staqsiet x'kien intqal u sar rigward dak is-seminar fuq il-bus shelters, peress li ħadd mill-Kunsill ma seta jattendi għalih dakinhar. Is-Sa Seguna qalet kif il-Kunsill ma sema xejn aktar u fejn is-soltu ġili tintbgħat preżentazzjoni tas-seminar, din ma waslitx lanqas għand il-Kunsill u għalhekk hija ser tistaqsi lil AKL dwar dan u jsir follow up.

25.5.3 Is-Sindku qal li jekk filkas l-Kunsill jibqa ma jirċievix risposta, fejn hemm bus shelters li li m'għandhomx ilqugħ mill-elementi tat-temp, il-Kunsill jista jikkunsidra jagħmilhom shading/tinda.

## 25.6 Korrispondenza

25.6.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2026/000220
b. 2026/000227
c. 2026/000231
d. 2026/000233
e. 2026/000236
f. 2026/000253
g. 2026/000257
h. 2026/000266
i. 2026/000269

25.6.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 25.7 L-Ewwel Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar sa Marzu 2026

25.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera kif dan ir-rapport l-accountant għadha qed taħdem fuqha u qalet ukoll kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' estenzjoni li dan ir-rapport jiġi sottomess sal-aħħar ta' Ġunju. Dan minħabba li l-Kunsill ukoll bħalissa għaddej bil-proċedura li jibdew is-sistema tal-accounts u anke peress li kien hemm bdil fic-chart of accounts. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota.

.

## 25.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

25.8.1.1 Kwotazzjoni CCTV addizzjonali – Ġnien Ċentru Rikreattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda kwotazzjoni għal CCTV addizzjonali u bżonnjuża biex titpoġġa fil-ġnien Ċentru Rikreattiv biex turi parti mill-ġnien li ma mhux koperta mill-cameras l-oħrajn.

25.8.1.2 Il-Kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni u biex tiżdied CCTV oħra. Il-Kunsill ser jiċċekkja ukoll jekk dawn il-fondi jistgħux jiġi koperti mill-iskema tal-LESA.

25.8.2.1 Xalata ta' Kitba b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq l-mejda dokument kif ikkumpilat mis-Sa Abela Penza dwar din l-attivita ta' xalata ta' kitba. Kopja ta' dan id-dokument ingħata bħala nformazzjoni lil kunsilliera kollha.

25.8.2.2 Il-Kunsillier Diane Abela Penza tat deskrizzjoni ta' din l-attivita u x'tinvolvi. Fil-qosor ġie determinat li bħala organizzazzjoni tal-attivita kollox ser isir minn naħa tal-Aġenzija, nkluż il-booklet ta' kitba. Il-Kunsill kull ma jrid huwa li jiprovdi sit jew siti fejn tista ssir din l-attivita u l-Kunsillier Abela Penza ssuġġeriet it-Torri Belvedere( limit ta' 10 persuni totali jistgħu jitilgħu f'daqqa) u l-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Għal kull sezzjoni hemm kontribuzzjoni ta' €5 għal kull familja u s-Sa Abela Penza ssuġġeriet ukoll li din tiġi sussiddjata mill-Kunsill Lokali għal familji minn Ħal Lija biss sintendi.

25.8.2.3 Id-data mgħottija biex issir din l-attivita hija 24 ta' Ottubru 2026 u s-sezzjoni ġie deċiż mill-Kunsill li din preferibbilment issir bil-Malti, umbgħad ħalli l-quddiem forsi ssir oħra bl-Ingliż. Il-Kunsill irid ukoll jgħin ftit billi jagħti l-informazzjoni li għandu fuq is-sit magħżul, f'dan il-każ it-Torri Belvedere, jew inkella jsib lil xi ħadd storiku li dakinhar tal-attivita jista jkun preżenti u jagħti ftit informazzjoni dwar l-istorja lit-tfal.

25.8.2.4 Il-Kunsilliera kollha qablu li din l-attivita għandha ssir kif spjegat mis-Sa Abela Penza, bi kollaborazzjoni mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

25.8.3.1 Kunsiderazzjoni – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingħand resident fejn qed tissuġġerrixi lit-tifla tagħha bħala ambaxxatur taż-żgħażagħ.

25.8.3.2 Il-Kunsill approva din it-talba.

25.8.4.1 <u>Xogħlijiet ġodda Infrastrutturali fit-toroq</u>

Is-Sindku ressaq lista ta' xogħlijiet ġodda infrastrutturali biex jitwettqu fir-raħal. Huwa beda billi l-ewwel qal kif Triq il-Kunċizzjoni lesta u Sqaq il-Kunċizzjoni Nru 1 dalwaqt ikun lest għaliex fadal xi ħadid ta' shelter biex isir u wara qed jittama li tingħalaq bit-tarmac.

25.8.4.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif issa fil-pipeline wara Ġunju suppost għandhom isiru Triq il-Forn Sqaq nru 3 u Triq Annibale Preca Sqaq nru 1. Dawn diġà hemm ftehiem ma' IM dwarhom u diġà skedati.

25.8.4.3 Is-Sindku kompla jgħid kif għas-snin li ġejja ser isir kuntatt ma' IM biex possibbilment isiru Triq Mabel Strickland bil-konkrit u fuq tal-Borg, però ser jiġi mitlub biex dawn isiru bil-perit u kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sur Dalli qal li għall-grazzja t'Alla kull fejn sar mill-perit u l-kuntrattur tal-Kunsill ma kienx hemm problema ta' qlib tal-ilma u vera li l-Kunsill ikollu jħallas biex isiru s-surveys, però dawn dejjem swew ta' ġid.

25.8.4.4 Ser issir ukoll komunikazzjoni ma' IM bit-talbiet ġodda kif ġej bil-perit u kuntrattur ta' IM:

- Re-instatement bi tarmac minn fejn l-Ambaxxata Ġermaniża sa fejn kien joqgħod Dun Ġużepp
- Re-instatement bi tarmac mill-Klabb tal-futbol sa Triq Merino

25.8.4.5 Is-Sa Lorraine Farrugia staqsiet dwar il-bankini ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni biex ikollhom aċċess għal wheel chair. Is-Sindku wieġeb kif il-Kunsill diġà qed jaħdem fuqhom dawn u qiegħed fi kuntatt mal-perit għaliex il-Kunsill irid anke jġib health sand safety officer skond il-proċedura kif inhi, qabel ma' dawn jiġi mplementati.

25.8.5.1 <u>Serata Kommemorazzjoni tal-Assemblea Ġenerali – 27 ta' Mejju 2026</u>

Is-Sindku ħalla f'idejn il-Viċi Sindku Calcedonio Cini biex jagħti spjegazzjoni ta' din is-serata. Is-Sur Cini qal kif din is-serata hija pjanata li ssir l-Erbgħa 27 ta'Mejju 2026 fi Vjal it-Trasfigurazzjoni quddiem it-Torri fi 7:30pm, fejn ser tkun qed issir kommemorazzjoni ta' Amery Milner Kostituzzjoni ta' Self Government 1921.

25.8.5.2 Il-programm tas-serata ser ikun jikkonsisti minn introduzzjoni mis-Sindku Anthony Dalli, diskors u spjegazzjoni tal-okazzjoni mill-Prof. George Cassar, diskors mill-Hon Mr. Speaker Dr. Anġlu Farrugia u wara ser ikun hemm bibita żgħira fil-boċċi Club house.

25.8.5.3 Huwa spjega ukoll kif il-mistednin uffiċjali ser ikunu:

- Il-membri tal-Kunsill, Segretarju Eżekuttiv, amministrazzjoni u l-impjegati kollha anke dawk sekondati mal-Kunsill, flimkien man-nisa u l-irġiel tagħhom.
- Il-membri Parlamentari taż-żewġ naħat tal-kamra tar-rapreentanti għat-8 distrett.
- Il-kappillan u l-kleru ta' Ħal Lija.
- Il-Presidenti tal-għaqdiet kollha tar-raħal.
- Il-President tar-Reġjun Lvant.

25.8.5.4 Is-Sur Cini flimkien mas-Sindku qal kif il-Kunsill irid jipprepara lapida kommemorattiva biex din tiġi mwaħla fit-torri. Il-Kliem ta' din il-lapida għadu qed jiġi ppreparat u ser jiġi mressaq għall-approvazzjoni fi seduta tal-Kunsill. Irrud jiġu wkoll mħejjija l-inviti uffiċjali u kif ukoll irid jiġi ordnat ritratt tal-okkażjoni li kien ttieħed fl-okażżjoni msemmija. Ingħata l-parir ukoll li tingħata tifkira żgħira tal-okkażjoni lill-Hon. Mr.Speaker Dr. Anġlu Farrugia u kif ukoll lil Profs George Cassar. Apparti minn hekk ġie kklarifikat li wieħed ma jistax jinsa l-bżonn għas-servizz ta' fotografu, siġġijiet, sound System, dawl, gwardjani lokali u Pulizija.

25.8.5.5 Ser ikunu anke qed jinxtraw xi pots bil-pjanti biex jitpoġġew fit-Torri Belvedere.

25.8.5.6 Il-Kunsill kollu qabel dwar il-proposti kollha msemmija nkonessjoni ma' din is-serata.

25.8.6.1 <u>Fixed Deposit Account</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu proposta biex jinfetaħ fixed deposit account għal sena fejn fih ikun hemm riserva tas-somma ta' mitt elf ewro. Dan biex il-Kunsill ikollu moħħu mistrieħ li għandu riserva għal quddiem u s-snin li ġejjien.

25.8.6.2 Il-Kunsilliera kollha ma sabux oġġezzjoni u approvaw din il-proposta.

25.8.7.1 <u>Kirja tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - 'follow up'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet kopja finali tal-Kuntratt tal-binja tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill lokali wara t-tibdil żgħir li kien sar fih fuq xewqa tas-sid, kif diġà kien diskuss u spjegat fi seduta preċedenti tal-Kunsill. Dawn it-tibdiliet ġew anke ikklarifkati mal-avukat tal-Kunsill biex jiġi żgurat li l-Kunsill mixi fi triq t-tajba.

25.8.7.2 Dan il-kuntratt issa ser jitella għall-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali, kif diġà ukoll kien kkomunikat li ħa jsir. Il-Kunsill unanimament approva dan il-kuntratt u l-kontenut ta' ġo fih fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien ssekondat mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini.

25.8.8.1 <u>Talba Loading & Unloading bay – Triq Daniel Sammut</u>
Saret talba mal-Kunsill lokali biex issir loading and unloading bay fi Triq Daniel Sammut.

25.8.8.2 Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tintbgħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 25.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

25.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 04/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €124.28 għax-xahar ta' Marzu 2026.

25.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 04/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mis-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 25.10 Mozzjonijiet

25.10.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 25.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

25.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, ma kienx hemm applikazzjonijiet msemmija fejn il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom.

## 25.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

25.12.2 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif il-Kunsill għadu jrid jsib data biex jiġu ppreżentati l-flus li nġabru fil-Festival taċ-Ċitru lill-Kappillan. Huwa ser ikun qed issib data konvenjenti u jinforma lil kulħadd.

25.12.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia staqsiet jekk il-Kunsill semax xi ħaġa mingħand l-Animal Welfare dwar xi għajnuna bi sheltering u anke dwar il-first aid kors tal-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġà bgħatet żewġ reminders u risposta mingħand l-animal Welfare ma kienx hemm u ser tibqa tiġi warajhom.

25.12.4 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini staqsa jekk il-Kunsill semax xi ħaġa dwar il-proċedura tal-ħamiem u meta din ser tibda. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku wieġbu kif s'issa m'hemmx aktar informazzjoni u l-aħħar li ġie kkomunikat mal-Kunsill kien li dawn għandhom kollox lest biex jibdew bħala apparat però qed jistennew l-aħħar no objection mingħand l-ORNIS.

25.12.5 Il-Ħin kien 5:39pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa ssir fil-16:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| LLC MAR2026/000216 | 24/03/2026 | Eilis McCullough | ADI | Clearance for - DN/00048/26 |
| LLC MAR2026/000217 | 24/03/2026 | Flerisa Soler Esther | Central Bank | Closure of Account |
| LLC MAR2026/000218 | 25/03/2026 | Dorianne Diacono | DLG | RE: SPI/SCI/9/2022: Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom |
| LLC MAR2026/000219 | 25/03/2026 | Mariah Bonnici | MFWS | RE: MFWS Hal Lija Children's Local Council - March Meeting |
| LLC MAR2026/000220 | 25/03/2026 | Borg Brincat Andrea | Eastern Regional Council | Towing Service |
| LLC MAR2026/000221 | 25/03/2026 | Luke Scicluna | WSC | RE: Sqaq IL- Kuncizzjoni |
| LLC MAR2026/000222 | 25/03/2026 | Wilson Mifsud | WM Environmental LTD | Re: Update re Tender for street sweeping in the locality of Hal Lija using low emission service vehicles - LLC 05/2023 |
| LLC MAR2026/000223 | 25/03/2026 | Lawrence Darmanin | Head of Lija School | Re: Jum il-Premjazzjoni - Skola Primarja Ħal Lija |
| LLC MAR2026/000224 | 25/03/2026 | Marisa Pisani | DLG | Re: Maintenence Team - Local Government Division - ghajnuna bi zebgha tal- bibien fit - Torri Belvedere |
| LLC MAR2026/000225 | 26/03/2026 | Ivan Gatt | Lawyer | Re: Garnishee orders LIja LC - IRO flooding case lija |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC MAR2026/000226 | 26/03/2026 | Hector Gatt | Lawyer | Re: Decree- Appeal No.40/ |
| LLC MAR2026/000227 | 26/03/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Sinjali tal- one way Halmann Area |
| LLC MAR2026/000228 | 27/03/2026 | Neville Galea | DLG | Re: Cirkulari Numru SPI/SCI/04/2025- Espressjoni ta' Interess- Finanzjamet Millied 2025 |
| LLC MAR2026/000229 | 27/03/2026 | Christiana Tabone | DLG | Allokazzjoni Finanzjarja 2026- It- Tieni Kwart |
| LLC MAR2026/000230 | 30/03/2026 | Roberta Callus | DLG | FW:SPI SCI 2025- Skema Attivitajiet Kultulari Annwali 2025/2026 |
| LLC APR2026/000231 | 04/01/2026 | Andrea Borg Brincat | Eastern Regional Council | Re: SPI/SCI/10/2022: Zvilupp ta ' Latrini pubblici Awtomatici madwara Malta U Ghawdex - Progress Report #11 |
| LLC APR2026/000232 | 04/02/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | SPI.SCI.02.2026-Finanzjament - Lokalijiet aktar nodfa 2026 ( Data ta' Gheluq - Il- Gimgha 8 ta Mejju 2026) |
| LLC APR2026/000233 | 04/06/2026 | Alexia Borg | Water Services Corporation | FW: Damaged Water Culverts. |
| LLC APR2026/000234 | 04/07/2026 | Alexia Borg | Water Services Corporation | Re: Complaint - Drainage Problem in Antonio Azzopardi Street |
| LLC APR2026/000235 | 04/07/2026 | Mark Scerri | Resident | Re: Complaint - Complaint about ongoing works in 13 Triq il-forn |
| LLC APR2026/000236 | 04/07/2026 | James Dimech | Resident | Re: Serious Safety Risk- Absence of street lighting in triq carmelo Farrugia |
| LLC APR2026/000237 | 04/07/2026 | Antoinette Conti | Transport Malta | RE: One way signs Halmann Area |
| LLC APR2026/000238 | 04/08/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | RE: Sqaq Nru 1 Triq Il Kuncizzjoni Lija |
| LLC APR2026/000239 | 04/08/2026 | Gordon Bugeja | Resident | RE: Temporary Removal of street light pole from Triq Pawlu Galea |
| LLC APR2026/000240 | 04/08/2026 | Diane Abela Penza | Counsellor | Re: Gnien Rikrejjativ |
| LLC APR2026/000241 | 04/08/2026 | Marica Axiaq | DLG | RE: POC 71/2025- Richmond Foundation - Mental Health First Aid Course |
| LLC APR2026/000242 | 04/09/2026 | Ryan Schembri | Producer | RE: Bongu Malta -31st May 2026 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC APR2026/000243 | 04/09/2026 | Diane Abela Penza | Counsellor | Sir Ugo Mifsud cover fuq bankina |
| LLC APR2026/000244 | 04/09/2026 | Public Finance | NSO | [AUTOMATED ] - Survey of Research and Development in the General Government Sector - Ref: LC-32 |
| LLC APR2026/000245 | 04/09/2026 | Ruben Galea | MGA | Request for Release of Bank Gaurantee PA/03362/20 |
| LLC APR2026/000246 | 04/09/2026 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | RE: Urgent Drainage Problem following recent roadworks - Triq Antonio Azzopardi Hal Lija |
| LLC APR2026/000247 | 04/09/2026 | Nadia Camilleri | Enemalta | RE: Temporary removal of 2 light poles in Triq Pawlu Galea, Lija |
| LLC APR2026/000248 | 04/09/2026 | Jeanette Galea | Eastern Regional Council | Stedina- Lagha Generali Annwali tal- Kunsilli Regjonali Lvant 2026 |
| LLC APR2026/000249 | 04/10/2026 | Diane Abela Penza | Counsellor | Re: Xalata ta kitba meeting |
| LLC APR2026/000250 | 13/04/2026 | Samira Scerri | Borg Galea & Associates | RE: Qoute cloud based accounting system - Lija Council -2XL |
| LLC APR2026/000251 | 13/04/2026 | Mandy Abela | Borg Galea & Associates | RE: Qoute cloud based accounting system - Lija Council -2XL |
| LLC APR2026/000252 | 13/04/2026 | LC Helpdesk | Enemalta | RE: Bozzoz Godda fi Triq Carmelo Farrugia c/w Triq Annibale Preca , Hal Lija |
| LLC APR2026/000253 | 13/04/2026 | James Wightman | Resident | Re: Trejqet Kjeriku Gabku Abela |
| LLC APR2026/000254 | 13/04/2026 | Christina Ellul | Producer | Re: Mil - Ghatba 'l Barra |
| LLC APR2026/000255 | 13/04/2026 | Oluwabunmi Kalowle | Auditor | RE: Audit 2025- Lija LC |
| LLC APR2026/000256 | 13/04/2026 | Michelle Gaffiero | Resident | RE: Grass in the street |
| LLC APR2026/000257 | 13/04/2026 | Jessica Galea | Project Green | RE: Gnien il- Laring |
| LLC APR2026/000258 | 13/04/2026 | Clayton D'Amato | ACB Architects | Proposed extension of existing stormwater at Triq Sant' Andrija Lija |
| LLC APR2026/000259 | 13/04/2026 | Julian Zammit Maempel | Mater Dei Hospital | RE: Sqaq Nru 1 Triq Il Kuncizzjoni Lija |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC APR2026/000260 | 13/04/2026 | Mauro Portelli | Resident | Re- Lija - Trejqet Francis Anthony Fenech |
| LLC APR2026/000261 | 14/04/2026 | Diane Abela Penza | Counsellor | Proposta ghal- pjanti fit - Torri |
| LLC APR2026/000262 | 14/04/2026 | Diane Abela Penza | Counsellor | Proposta ghal  inizjattivi ta' komunita aktar attiva |
| LLC APR2026/000263 | 14/04/2026 | Charmaine Gerada | C Camilleri & Sons Catering Ltd | Reserved Parking Spaces- 29.05.26 |
| LLC APR2026/000264 | 14/04/2026 | Kurt Scerri | DLG | RE: Thabbir tar - rizultat - Espressjoni ta' Interess Min Pjazza ghal Pjazza 2026 |
| LLC APR2026/000265 | 14/04/2026 | Josianne Azzopardi | Water Services Corporation | RE: No Water in Several Residences in Triq Daniel Sammut |
| LLC APR2026/000266 | 14/04/2026 | Victoria Grech | CRPD | request for clarification |
| LLC APR2026/000267 | 14/04/2026 | Mark Darmanin | J Grima | Qoutation - S00196. pdf |
| LLC APR2026/000268 | 14/04/2026 | Russell Mifsud | Resident | New Message from &qout;Lija LC" |
| LLC APR2026/000269 | 15/04/2026 | Birkirkara Office | POLICE | RE: Triq Guzeppi Portelli, Lija - Rapport |
| LLC APR2026/000270 | 24/04/2026 | Parliamentary Secretariat | DLG | Lejla Ddedikata ghal - Apprezament tal- hidma tal- Kunsill Lokali |